# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' Lulju 2001**

**Numru**

**Citaz.  numru:  730/00 M1 NA**

**Claudia Privitera**

**vs**

**Dr. Joseph M. Sammut u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja nominati b'digriet tal-10 ta' Mejju 2000 bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Salvatore Privitera**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-17 ta' April 2000 fejn ippremettiet:

"Illi l-attrici w il-konvenut ikkuntrattaw zwieg civili fit-22 ta' Marzu 1994;

Illi meta gie kuntrattat dan iz-zwieg l-attrici kellha ghoxrin (20) sena filwaqt li l-konvenut kellu biss tmintax-il (18) sena;

Illi meta gie kuntrattat dan iz-zwieg, l-attrici kellha tliet (3) xhur tqala;

Illi l-attrici kienet dahlet f'relazzjoni mal-konvenut ghaliex hija kienet imdejqa tghix id-dar mal-genituri taghha u fil-fatt ftit wara li bdiet tali relazzjoni l-attrici telqet mid-dar;

Illi l-uniku skop tal-konvenut illi ghalih huwa kkuntratta dan iz-zwieg kien li jikseb il-fakulta' li jghix u jahdem f'Malta u jhalli warajh il-hajja li huwa kien ighix f'Catania, fejn ma kellux impjieg u fejn kien ighix f'kundizzjoni hziena hafna;

Ukoll illi l-attrici kkuntrattat dan iz-zwieg bhal gest ta' ribelljoni veru l-genituri taghha li mill-bidu nett kienu w urew ruhhom fermement kuntrarji ghar-relazzjoni bejn binthom u l-istess konvenut;

Illi l-konvenut heba bosta affarijiet essenzjali mill-konoxxenza ta' l-attrici, fosthom il-karattru vjolenti tieghu, il-fatt illi s-sitwazzjoni familjari tieghu kienet imgerfxa ghall-ahhar kif se

jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-fatt illi huwa kien jabbuza mid-droga u sahansitra l-fatt ta' l-eta' tieghu;

Ukoll illi l-attrici w il-konvenut qatt ma ghamlu preparattivi serji ghall-hajja mizzewga, kemm f'sens materjali u kif ukoll fuq livell intellettwali u spiritwali, tant illi l-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet u drittijiet essenzjali taz-zwieg, fatt illi jirrizulta b'mod car u manifest kemm mill-agir tal-kontendenti qabel iz-zwieg u li huwa rifless ukoll f'dak kollu li ssuccieda u sehh matul il-hajja mizzewga;

Illi l-kontendenti sseparaw gudizzjarjament permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja pubblikat fid-29 ta' April 1997 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dr. Henri J. Vassallo u minn dak iz-zmien 'l hawn il-konvenut telaq minn Malta u mar ighix fl-Awstrija ma' mara Awstrijaka;

Illi ghaldaqstant iz-zwieg civili kuntrattat mill-attrici mal-konvenut fit-22 ta' Marzu 1994 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) u/jew 19 (1) (a) u/jew 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

TALBET li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg civili kuntrattat mill-attrici mal-konvenut fit-22 ta' Marzu 1994 huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) u/jew 19 (1) (a) u/jew 19 (1) (c) u/jew 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tippronunzja u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra li talvolta jistghu jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti esibiti.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Joseph M. Sammut u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tal-10 ta' Mejju 2000.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u dikjarazzjoni guramenata ta' l-istess kuraturi deputati tal-15 ta' Settembru 2000 fejn iddikjaraw li ma kienux edotti mill-fatti w irrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ix-xhieda pprezentata mill-attrici b'affidavits permezz ta' nota tas-26 ta' Settembru 2000.

Fis-seduta tat-8 ta' Novembru 2000 l-attrici ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, il-konvenut nomine nforma lill-Qorti li kien qed jipprova jikkomunika ma' l-assenti filwaqt illi l-istess attrici ddikjarat illi ma kellhiex indirizz tal-konvenut hlief li kienet taf li kien ighix l-Awstralja. Il-kawza thalliet ghall-21 ta' Frar 2001 biex il-kuratur jiddikjara kellux provi. F'din is-seduta l-kuratur ma deherx u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-22 ta' Gunju 2001. Sadanittant b'nota tal-14 ta' Marzu 2001 il-kuratur informa lill-Qorti li ma setax jikkomunika mal-konvenut peress illi ma inghatax l-indirizz mill-attrici, filwaqt illi l-attrici fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001, tramite d-difensur taghha, nfurmat lill-Qorti "*li kwalunkwe nformazzjoni li huma kellhom dwar l-assenti inghatat lill-kuratur deputat*". Il-kuratur deputat rega' ma deherx u f'dawn ic-cirkostanzi l-

kawza thalliet ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-istorja li temergi ta' dan iz-zwieg u tal-korteggament li finalment wassal ghalih hija spjegata mill-attrici fix-xhieda taghha, liema xhieda hija korraborata fid-dettalji l-aktar importanti taghha mix-xhieda moghtija minn omm u missier l-attrici, minn wiehed minn hutha u miz-zija Frances Fenech li ghamlet zmien tiehu hsieb l-attrici meta dina kienet miggielda ma' ommha u ma' missierha.

Il-karattru tal-konvenut jidher car li kien wiehed ta' immaturita' kbira u zgur mhux tali li permezz tieghu seta' jifhem xi jfisser iz-zwieg u l-obbligi w id-dmirijiet illi dan jimponi fil-konfront sew ta' martu sew tat-tfal li twieldu minn dan iz-zwieg. Il-Qorti tifhem illi dan il-karattru kien probabbilment konsegwenza tat-trobbija li kellu l-istess konvenut fi Sqallija u dan apparti mill-eta' tenera tieghu, almenu biex jiehu l-pass li jidhol ghal hajja mizzewga. Huwa wisq probabbli illi l-iskop principali, jekk mhux uniku, li wassal lill-konvenut ghal dan iz-zwieg kien il-

fatt li ried jakkwista d-dritt li jahdem Malta peress illi rrizulta li huwa ma kellux reputazzjoni tajba f'pajjizu.

L-attrici wkoll uriet immaturita' kbira f'din ir-relazzjoni li wasslet ghal dan iz-zwieg tant infelici ghaliha.  Hija kienet infatwata fizikament mill-konvenut u ma segwitx il-pariri tal-genituri taghha minkejja illi l-konvenut wera x'karattru kellu anke qabel iz-zwieg.  It-tqala bl-ewwel tarbija, pero', probabbilment kienet dak li wasslet lill-attrici biex finalment tiehu din id-decizjoni minghajr ma kkunsidrat ukoll is-serjeta' tal-pass li kienet sejra taghzel.

Il-kostatazzjonijiet ta' fatt fuq maghmulha li, ghar-ragunijiet fuq moghtija ma gewx ikkontestati, iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni illi l-kunsens taz-zewg partijiet kien ivvizzjat almenu taht is-sub-incizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.  Ghall-kompletezza jrid jinghad illi f'dawn il-konkluzzjonijiet il-Qorti kellha tistrieh biss fuq il-provi mressqa mill-attrici.  Kien pero' jispetta lill-konvenut li jhalli xi nformazzjoni ta' fejn seta' gie kkuntattat u l-Qorti ma tistax ma tipprocedix bis-sentenza odjerna konsegwenza ta' dan in-nuqqas tieghu.

Din il-kawza hija ghalhekk deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg civili kuntrattat mill-attrici mal-konvenut fit-22 ta' Marzu 1994 huwa null u minghajr effett fil-ligi ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) [minkejja illi dan l-ahhar sub-inciz mhuwiex imsemmi mill-attrici fit-talba taghha] tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minkejja illi ma hemmx dubbju illi l-konvenut huwa principalment responsabbli ghall-falliment ta' dan iz-zwieg, l-ommissjonijiet u l-bluha ta' l-attrici jwasslu lill-Qorti biex tikkundannaha ghall-hlas ta' nofs l-ispejjez ta' din il-kawza, in-nofs l-iehor jithallsu mill-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.